MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 444/2008

**Alfred u Lilian konjugi Attard**

**Vs**

**Anthony u Antonella konjugi Cutajar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ elf, tlett mija, hamsa u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€1395.29) rapprezentanti bejgh u konsenja ta’ merkanzija lill-konvenut Anthony Cutajar konsistenti f’laham u ikel iehor, liema prezz qatt ma thallas skond dokumenti annessi mat-talba u ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta ta` llum.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Frar, 2009 gie prezentat kapitolu mill-Avukat Dr Mark Simiana u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------